# Ix-Xitwa

*L-aħħar staġun tas-sena,*
*Jiftaħ b'festa kbira;*
*Meta Ġesù tarbija,*
*Twieled f'maxtura fqira.*

*Kulħadd iħobb dil-festa,*
*Ta' daċ-ċkejken Bambin;*
*Imbagħad ftit ġranet wara,*
*Sen' oħra nibdew flimkien.*

*F'dan l-istaġun niftakru,*
*Fil-miġja ta' San Pawl;*
*Illi ġabilna l-fidi,*
*U jżommna lkoll fid-dawl.*

*Ħamest ijiem ta' bluha,*
*Imsejħa l-Karnival,*
*Jiġu matul ix-xitwa,*
*Gost bihom jieħdu t-tfal.*

*Ta' spiss tinżel ix-xita,*
*Matul dan l-istaġun;*
*Daqqa traxxax, oħra qliel,*
*U jfur il-bir jew xi ġibjun.*

*Ir-riħ jonfoħ u jvenven,*
*Donnu xi kelb muġugħ;*
*Li jokrob jew inewwaħ,*
*Sabiex l-għajnuna jtuh.*

*Ir-riħ, beraq u xita,*
*Spiss jikkawżaw ħsarat;*
*Nitolbu 'l Santa Barbara,*
*Tħarisna mill-beżgħat.*

*Iż-żgħażagħ spiss igergru,*
*Minħabba dal-maltemp;*
*B'hekk ġewwa jkollhom jibqgħu,*
*Jedhew f'xi passatemp.*

*Jitgeddsu fi ħwejjiġhom,*
*It-tfal u x-xjuħ fqajrin;*
*Kulħadd iħoss il-kesħa,*
*Sew bhejjem, anke bnedmin.*

*Xi annimali jorqdu,*
*Matul dan l-istaġun;*
*B'hekk jevitaw il-kesħa,*
*L-ors, il-qanfud u l-fekrun.*

*Ta' spiss aħna nimirdu,*
*Minħabba l-ksieħ qalil;*
*Li jaħkem lill-pajjiżna,*
*F'dawn it-tliet xhur xitwin.*

*Ix-xemx fietla kultant tfiġġ,*
*Minn wara xi għoljiet;*
*Kulħadd jieħu gost biha,*
*Tfakkarna f'sajf fuq ix-xtajtiet.*

*Dan l-istaġun jogħġobni,*
*Għax żmieni nagħlaq fih;*
*Proprju fl-aħħar ġurnata,*
*Ta' sena mimlija sħiħ!*

**Cynthia Camilleri Cauchi**